MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta ta' l-10 ta' Novembru, 2012

Numru. 1171/2012

**Il-Pulizija**
**(Spettur Darryl Borg)**

**vs**

**Alves Torres Cristian ta' 21 sena iben Pedro u Marte nee` Torres imwieled Mieres nhar l-21 ta' Gunju 1989 u residenti gewwa University Residence, Lija, Malta, detentur tal-karta ta' l-identita` Spanjola 71763367D**

**Leban Santos Martin ta' 23 sena iben Jose` u Carmen nee` Lebon imwieled Corgo nhar l-10 ta' Marzu 1989 u residenti gewwa University Residence, Hal-Lija, Malta detentur tal-Passaport Spjanjol Numru Pass. No. AAF397600**

Il-Qorti,

Rat l-akkuzimigjuba fil-konfront tal-imputati li gew akkuzati talli:

1. Ingurjaw, jew heddu, jew ghamlu offiza fuq il-persuna ta’ persuni inkarigati skont il-ligi minn servizz pubbliku, waqt li kienu qed jaghmlu jew minhabba li kienu qed jaghmlu dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzghuhom jew li jinfluwixxu fuqhom kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta’ dak is-servizz.

2. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, attakkaw jew ghamlu rezistenza bi vjolenza jew b’hebb, ta’ xorta li ma titqiesx bhala vjolenza pubblika, kontra persuni inkarigati skont il-ligi minn servizz pubbliku, fil-waqt li kienu qed jagixxu ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta’ ordni moghti skont il-ligi mill-awtorita kompetenti.

3. U aktar talli fl-istess lok, hin u cirkostanzi, volontarjament hassru, ghamlu hsara jew gharqu hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema ammont tal-hsara ma jiskorrix il-mija u sittax il-Ewro u sebgha u erbghin centezmu (116.47) ghad-detriment tal-Gvern ta’ Malta.

4. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, volontarjamnt kisru l-bon-ordni jew il-kwiet pubbliku.

5. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi ma obdewx l-ordnijiet legittimi tal-awtorita jew ta’ wiehed li jkun inkarigat minn servizz pubbliku.

6. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi hebbew kontra PS56 Jean Carl Grech, PC790 Zerafa Nathan, PC593 Raphael Attard Flores u PC1468 Dirk Pace, sabiex jingurjawhom, idejquhom jw jaghmlulhom hsara.

Rat id-dokumenti esebiti;

Semghet l-ammissjoni maghmulha mill-imputati liema ammissjoni giet rijaffermata wara li l-imputati inghataw zmien xieraq sabiex jirrikonsidraw l-istess;

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Ikkunsidrat;

Illi fid-dawl tal-ammisjoni maghmulha mill-imputati l-Qorti ma tistax hlief issib lill-imputati hatja tal-akkuzi migjuba fil-konfront taghhom.

Illi meta tigi biex tqis il-piena li ghandha tigi inflitta l-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija tal-imputati, il-fedina penali nadifa taghhom, il-fatt illi l-imputati iddispjacihom ghal dak illi ghamlu u skuzaw ruhhom mal-ufficjali tal-pulizija involuti u hallsu d-danni li ikkawzaw fl-ammont ta' hamsin euro (€50) kull wiehed lill-Kummissarju tal-Pulizija seduta stante.

Ghaldaqstant, il-Qorti, wara li rat l-artikoli 95, 96, 338(e), 325, 338(ee), 339(1)(d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta issib lill-imputati hatja tal-akkuzi migjuba fil-konfront taghhom izda fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula u b'applikazzjoni tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligjiet ta' Malta qed tillibera lill-imputati bil-kundizzjoni li ma jikkommettux reat iehor fi zmien sena mil-lum.

Il-Qorti qed twissi lill-hatja bil-konsegwenzi skond il-ligi jekk huma jikkommettu reat iehor matul dan il-perjodu ta' liberta taht kondizzjoni.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------